

# Il-Baned Maltin u t-Tixrid tal-Arti Mużikali

*Kliem tad-deheb - Wirt mill-pinna tas-Surmast Francis Falzon*
*Apprezzament tal-President Onorarju Anthony Bonnici*

Nistgħu ngħidu li l-għan ewlieni tat-twaqqif ta' kull każin tal-banda ġewwa Malta u Għawdex hu li tixxerred il-kultura mużikali fir-raħal jew belt partikolari. Ninsab żgur li dan l-għan huwa wieħed ġenwin, iżda mhux daqshekk konvint li dan l-istess għan mhux qiegħed jintlaħaq daqs kemm mixtieq jew kemm wieħed jistenna.



Hawn każini tal-baned li ilhom imwaqqfin snin twal, b'uħud qabżu l-mitt sena sew. Bir-raġun dawn jiftaħru bil-mużiċisti u s-surmastrijiet li ħargu minn ħdanhom. Jiftaħru bir-raġun bil-ġmiel ta' mużika li llum iħaddnu b'tant għożża fl-arkivji tagħhom. Huwa ta' sodisfazzjon kbir li l-baned Maltin ipproduċew ġewwa ħdanhom diversi personalitajiet ta' talent kbir u li għamlu isem għalihom personali u għal każin li għinhom jitgħallmu u jikbru fit-tejorija, eżekuzzjoni, kompożizzjoni u whud anke fid-direzzjoni tal-mużika.

Iżda meta wieħed jara l-isforzi kbar li jsiru u n-numru tant kbir ta' tfal li jitgħallmu l-mużika u joħorgu jdoqqu mal-baned Maltin u li maż-żmien jintilfu bla ma' wieħed jinduna, bilfors tistaqsi xi jwassal lil dawn it-tfal li jersqu lejn il-każin - l-imħabba ġenwini lejn il-mużika, il-pressjoni tal-ġenituri sabiex it-tfal tagħhom ikunu bħal l-oħrajn jew saħansitra rizultat ta' pika tal-festi?

Bħala Żurrieqi ma' nistax ma' niftakarx fil-mibki Surmast Francis Falzon li bħal ħafna tfal oħra beda l-ewwel studju mużikali tiegħu ġewwa każin tal-banda. Beda jdoqq il-flawt mal-Banda Santa Katarina, iżda mill-ewwel wera ġibdiet qawwija lejn il-tagħlim tal-mużika. B'sagrifiċju kbir, iżda b'determinazzjoni qawwija, Mro. Falzon kiseb b'suċċess kbir bl-għola gradi tat-teorija, jiġifieri d-diplomi A(Mus) L.C.M. u l-L.R.S.M sabiex fl-1986 huwa ġie maħtur surmast direttur ta' l-istess Banda li sostnietu fit-tagħlim.

Ħsibt li l-aqwa mod kif infakkar il-memorja tal-maħbub Surmast Falzon, propju fl-egħluq il-25 sena minn meta ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda Santa Katarina, huwa billi nagħmel analiżi fuq il-baned Maltin nibni fuq l-idejat miktuba minnu stess. Kull min jaf lis-Surmast Francis Falzon mill-qrib jaf sewwa li ma kienx jitlef okkażjoni waħda sabiex iwassal kelma tajba ta' inkoraġġiment lil dawk li juru nteress ġenwin lejn il-tagħlim tal-mużika u ċanfir qawwi lejn l-oħrajn li bin-nuqqas ta' studju, ħeġġa u nteress ikassbru l-kultura mużikali. Qallibt fil-programmi tal-festa li Soċjetà Mużikali Santa Katarina toħroġ kull sena fl-okkażjoni tal-festa u sibt minjiera

ta' kritika kostruttiva li s-Surmast Francis Falzon kien jikteb bil-għan li jara l-baned Maltin jikbru fil-professjonalita' tagħhom.

## *It-Tagħlim tal-Mużika u Strumenti Bla Ħlas*

Wieħed mis-servizzi li s-Soċjetajiet jipprovdu, huwa t-tagħlim tal-mużika. Fis-sena 1994 is-Surmast Francis Falzon poġġa t-tagħlim tal-mużika taħt il-lenti. Huwa kiteb li fit-tagħlim tal-mużika jitfaċċaw xi difetti li wieħed irid jara kif ser jirranġa. Irridu nisħqu li bandist qabel jingħaqad mal-banda, ikun ħa t-tagħlim u t-taħriġ meħtieġ biex ikun jista' jwettaq xogħlu sewwa. Hawn ideja ħażina f'moħħ ċertu allievi u l-ġenituri tagħhom, li t-tagħlim tal-mużika hu xi ħaġa ħafifa, li wieħed jassorbih malajr u li bi ftit studju ta' kultant wieħed għandu joħroġ idoqq ma jdumx! Kemm hu l-bogħod mill-verita' min jaħsibha b'dan il-mod. Kif hu stess jiskopri meta jibqa jdoqq ma' oħrajn ta' l-affari tagħhom u jqabbel id-daqq tiegħu ma' tagħhom. Għalhekk għandu jiġi stabbilit sillabu komuni għall-alljievi kollha, li jinkludi t-tagħlim meħtieġ biex wieħed joħroġ idoqq u jirrikkmanda l-kotba addattati li minn fuqhom għandu jsir dan it-tagħlim. B'hekk nisperaw li mhux biss jogħla l-livell iżda nassiguraw ukoll il-ġejjieni tal-Banda b'bandisti tassew, ta' min jorbot fuqhom u li lesti jagħtu s-servizz minn qalbhom.

## *Ħtieġa ta' Tagħlim fost il-Pubbliku*

Ma setax jonqos li s-Surmast Falzon jikteb dwar l-imġieba ta' settur mill-pubbliku fil-ġranet tal-festa. Fis-sena 1995 hu kiteb li l-festi esterni huma mibnija madwar il-banda l-aktar il-marċi li jsiru matul it-toroq. Inikktek il-fatt li ħafna jkejlu festa kemm tkun kbira minn l-għadd ta' marċi li jsiru, kemm ikunu brijużi, ta' min idumu sejrin l-iżjed, eċċ. Bħalli kieku t-tul tal-ħin u l-kwalita' tal-marċi huma xi riga li bihom inqisu l-kobor tal-festi tagħna. Tassew hemm bżonn urġenti li naqbdu niżbru n-niexef li laħaq trabba u ndaħħlu minflok il-moderazzjoni, it-tolleranza u r-rispett lejn l-oħrajn. Inikktek iktar il-fatt li xi wħud jinqdew bil-festa biex jiżvugaw l-emozzjonijiet baxxi li jirgħu fuqhom u jirriduċu dawn l-okkażjonijiet f'manifestazzjonijiet ta' bluha u nkovenjent għall-oħrajn.

## *Il-Mużika Bħala Fergħa Mportanti f' Siġra Kbira ta' Kultura*



Fil-messaġġ tiegħu tas-sena 1996 is-Surmast Falzon għażel li jikteb fuq il-mod kif hu jinterpreta l-kelma *kultura* b'konnetazzjonijiet speċjali fuq il-mużika. Hu kiteb li ta' spiss nisimgħu tingħad il-kelma *kulturali* u forsi mhux kulħadd jifhem eżatt din xi tfisser. Il-kelma kulturali fl-oriġini tagħha tfisser tkabbar, tikkoltiva, tiżviluppa. Hekk per eżempju l-kelma 'agrikultura' tfisser kultivazzjoni ta' l-art. Fis-sens aktar wiesgħa, kultura saret tfisser dawk l-oqsma kollha ta' għerf li l-bniedem għaraf, skopra u kabbar mal-medda taż-żmien. Fost l-oqsma tal-kultura l-iktar ewlenin insibu l-letteratura, l-arti u l-mużika. Iktar kemm wieħed ikollu għarfien ta' dawn l-oqsma kulturali, iktar ngħidu li hu bniedem kolt. L-effetti tal-kultura fuq il-bniedem huma bosta, fosthom: tagħmilna aktar bnedmin sħaħ; tifteħilna moħħna; tnissel fina sentimenti sbieħ; tirfina l-gosti tagħna u tqanqal fina x-xewqa għall-verita', u għal dak li hu tajjeb u sabiħ.

Il-mużika hija waħda mill-frieghi ta' din is-siġra kbira tal-kultura u għal min jeħodha bis-serjeta' din tista tkun ta' ġid kemm fiżikament kif ukoll mentalment. Iżjed kemm wieħed ikun jaf fuq is-suġġett iktar jgħarfu u jsir iħobbu. Għal min jidħol f'din ir-relazzjoni mill-qrib mad-dixxiplina li jrid jitgħallem, m'hemm xejn tqil li ma jistax jegħlbu imma jaħmel dak kollu possibli biex ifittex jikseb l-għarfien u t-teknika ħalli jista' jħaddem din l-arti. Ninnutaw li xi alljievi jersqu biex jitgħallmu l-mużika, jagħmlu dan b'nofs qalb. Għal dawn l-istudju hu ħaġa ta' dwejjaq, dejjem isibuha bi tqila biex jitħarrġu kif suppost u progress isir ftit li xejn. Hawnhekk ta' min jgħid kelma lill-ġenituri li jekk uliedhom m'mhumiex veru nteressati jew għadhom żgħar wisq, ikun aħjar jekk ma joqgħodux jimbuttawhom u jisfurzawhom għall-mużika. It-tagħlim l-iżjed li jħalli frott meta jkun imqanqal mill-imħabba lejn is-suġġett u hekk nawguraw lil kull min jersaq lejn il-mużika jkollu din id-dispożizzjoni.

## *It-Tagħlim tal-Mużika mhux Passatemp*

Punt important li s-Surmast Falzon saħaq fuqhu fil-messaġġ tiegħu tas-sena 1998 kien li t-tagħlim tal-mużika m'għandux jibqa jittieħed bħala passatemp. Minn naħa tagħhom is-soċjetajiet mużikali li jipprovdu tagħlim b'xejn u strumenti lil min huwa veru nteressat fl-arti mużikali jridu jiżguraw li dawn l-isforzi kollha jsibu għeruq sodi li fuqhom jibnu l-futur tagħhom. Ma nistgħux nikkuntentaw ruħna bis-suċċessi tal-passat u naħsbu li b'daqshekk issa tlajna fuq xi pedestall li ħadd mhu se jċaqlaqna minn fuqu. Irridu naħdmu iżjed flimkien biex intejbu l-livell tagħna, nidħlu għall-inizjattivi ġodda u nilqgħu l-isfidi li nsibu quddiemna bil-kuraġġ.

Tinħass il-ħtieġa li naħdmu ferm iktar mill-qrib mal-ġenituri ta' l-alljievi sabiex dawn juru aktar interess fil-progress tat-tfal tagħhom. Bħal mal-ġenituri juru ħeġġa tremenda sabiex uliedhom jiksbu s-suċċess mixtieq fl-iskola u permezz ta' dan huma jkun strumentali fil-karriera ta' uliedhom, hekk ukoll tinħass l-urġenza li l-ġenituri jkunu l-mutur li permezz tagħhom uliedhom jkunu stimolati aktar fit-tagħlim tal-mużika.

## *L-Opinjoni Pubblika*

Fis-sena 2003 is-Surmast Francis Falzon għamel referenza għad-diversi stħarriġ kummerċjali li diversi organizzazzjonijiet jagħmlu dwar xi prodott jew servizz, jew biex isiru jafu kif jaħsbuha l-maġġoranza fuq xi ħaġa li tkun għaddejja fil-pajjiż jew biex tinġabar statistika u jsiru magħrufa x-xejriet f'diversi oqsma. Jistqarr li qatt ma sar stħarriġ biex insiru nafu kif jaħsbuha n-nies fuq il-baned Maltin, imma nformalment ġieli staqsejna lil nies midħla tal-mużika kif jaħsbuha dwar dan u t-tweġibiet tagħhom kienu kuntrastanti ferm! Hemm min jgħid li l-baned żiedu l-kultura mużikali f'pajjiżna u jagħmlu l-mużika aktar milħuqa fost il-popli u hemm min iqishom bħala saħta minħabba d-dilettantiżmu u n-nuqqas ta' professjonalita' li juru ħafna mis-soċjetajiet mużikali.



Għalkemm dawn huma ġeneralizazzjonijiet, il-verita' probabbli tinsab x'imkien bejn dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet. Hawn min jieħu l-affarijiet bis-serjeta' u hawn min jeħodhom b'inqas serjeta', pero' wieħed irid jara u jiżen iċ-ċirkustanzi li fihom joperaw il-baned Maltin. Għalkemm aħna nsejħu dawn is-socjetajiet mużikali, wieħed iktar jista' jħares lejhom bħala għaqdiet li jorganizzaw il-festi ta' barra. Ħafna drabi mhix il-mużika l-mutur li jdawwar u jsuq lil dawn is-soċjetajiet. Mhix il-mużika, li tingħata

l-ewwel post, anzi l-mużika hija l-iskjav ta'-ċelebrazzjonijiet li jsiru, hija s-'Cindirella' li qiegħda hemm biex taqdi u sservi.

Niltaqgħu ma' bandisti li jikkuntentaw ruħhom bil-provi ta' darba fil-ġimgħa biss, jekk ma ssibhomx ukoll li ħarġu jdoqqu mingħajr ma tħejjew sewwa permezz ta' kors ta' tagħlim kif jixraq. F'din it-taħlita ta' ċirkostanzi, ir-riżultati ma jistgħux ikunu ħlief medjokri. Minħabba f'hekk il-każini tal-baned tagħna laħqu ħadu fama negattiva, u kull ma jiġri ħażin fil-festi jeħlu bih huma. F'għajnejn in-nies, kif ukoll f'għajnejn l-awtoritajiet, il-każini tal-baned sfortunatament ma jħallux impressjoni tajba wisq.

Filwaqt li nagħrfu x-xenarju li rridu naħdmu fih, aħna nagħmlu ħilitna biex intejbu l-livell ġenerali tal-baned. Hemm xewqa kbira li nrawmu mħabba vera fost iż-żgħażagħ tagħna lejn l-arti mużikali billi noffrulhom tagħlim bażiku sod li fuqu jkunu jistgħu jkomplu jibnu 'l quddiem. Ninkoraġixxu lil kulħadd biex ikompli jiżviluppa t-talenti tiegħu u għal dan l-għan is-soċjetajiet għandhom jgħinu aktar finanzjarjament lil dawk il-bandisti li jridu javvanzaw fit-tagħlim mużikali tagħhom. Irridu nesiġu wkoll lil kull min jersaq jirċievi t-tagħlim mużikali u kull min jingħaqad fi ħdan il-banda, jagħmel dan bl-akbar mod responsabbli u jagħti l-aħjar kontribut li jista'. Fuq kollox irridu nfiehmu lil kulħadd li l-mużika ma għandniex nirriduċuha għal livell ta' partiti u pika bla sens billi ninqdew biha għal skopijiet ulterjuri.

## *Tħejjija Serja u Studju Kontinwu*

Fis-sena 2006 is-Surmast Francis Falzon saħaq fuq il-bżonn li dawk li joħorġu jdoqqu mal-banda jibqgħu jistudjaw għax dan ikun għadu biss il-bidu. Huwa qal li sfortunatament, fil-baned Maltin insibu taħlita ta' bandisti, fejn il-livell ta' proficenza mhux ta' kulhadd l-istess, u dan jirriżulta f'taħlita ta' difetti li jwasslu għal tnaqqis fil-livell mużikali. Il-kawża ta' dan huwa dovut għall-fatt li ħafna bandisti, meta jibdew idoqqu, jieqfu mit-tagħlim u t-taħrig tat-teknika fl-istrument u għalhekk jibqgħu defiċjenti fil-ħiliet li suppost ikunu kisbu. Għalhekk aħna nagħmlu l-appell tas-soltu biex kull bandist mhux biss ma jfallix mill-provi li jsiru, iżda jkompli jtejjeb il-ħiliet mużikali tiegħu anke għand għalliem privat li jkun jispeċjalizza fl-istrument tiegħu. Hija ħaġa minn din id-dinja li biex wieħed jgħaddi 'l quddiem, fi kwalunkwe qasam, irid jagħmel xi ftit sagrifiċċju. Niltaqgħu ma' individwi li jixtiequ jitgħallmu jdoqqu, imma l-istudju jdejjaqhom jew ma jsibux ħin għalih, 'l-Ispirtu jrid imma l-ġisem dgħajjef'. Minn tassew iħobb xi ħaġa jagħmel ħiltu kollha u kull sagrifiċċju biex jakkwista dak li jixtieq. M'hemm l-ebda bakketta maġika li tista' tgħinna u ġġibilna dak li rridu b'mod faċli.

Dan l-appell nagħmluh ukoll lil dawk l-alljievi li qed jistudjaw u jaspiraw li għad jiffurmaw parti mill-banda tar-raħal jew belt tagħhom, biex huma wkoll jieħdu t-tagħlim bis-serjeta' u b'hekk iqiegħdu pedament sod li fuqu jkunu jibnu minn ġurnata għall-oħra teknika mużikali tajba li twassalhom biex ikunu mużiċisti serji. L-iskop jintlaħaq biss jekk ikollna għadd ta' bandisti li mhux biss jattendu għall-provi u l-programmi li ntellgħu, imma li jirnexxielhom jilħqu livell għoli fl-eżekuzzjoni tagħhom.



Dan il-livell ma jitlaħaqx b'dak li wieħed ikun tgħallem qabel ma joħroġ idoqq, imma billi wieħed itejjeb, jiżviluppa u jirfina t-talenti tiegħu minn jum għall-ieħor. Nixtiequ ferm li jkollna aktar bandisti li l-ħin ħieles tagħhom jiddedikawh

speċifikament biex jgħollu l-livell mużikali tagħhom. Għalkemm l-oqsma l-oħra fil-każini, bħal l-amministrazzjoni, l-armar, in-nar u l-manutenzjoni huma mportanti biex is-soċjetajiet jiffunzjonaw, dawn għandhom jidħlu għalihom membri oħra, li m'huma nvoluti f'xejn. Idejalment il-bandisti għandhom jokkupaw ruħhom fil-qasam bandistiku u ma jaljenawx ruħhom f'oqsma oħra.

Wieħed mid-difetti li l-aktar iżomm il-baned Maltin milli jimxi 'l quddiem hija l-bruda ta' xi bandisti, bruda li tirriżulta f'nuqqas ta' attendenza għall-kunċerti u programmi u nuqqas ta' ħeġġa għat-tagħlim. Ħafna jibdew jattendu għall-lezzjonijiet b'ċertu entużjażmu, joħorġu jdoqqu, imbagħad bl-iskuża ta' impenji oħra, jibdew jibirdu ftit ftit, sa ma tintefa' għal kollox il-ħeġġa li darba tkun ressqithom lejn il-mużika. Difett ieħor hu li meta wieħed joħroġ idoqq, jieqaf mill-istudju u l-prattika tat-teknika u jikkuntenta ruħu b'dak il-ftit li jkun tgħallem. Għal dawn it-talin biżżejjed għalihom jekk jitgħallmu jħanxru erba' marċijiet. Imma l-mument tal-verita' jasal fuq kulħadd, u ħin jew ieħor jiltaqgħu ma' xi xogħol li l-eżekuzzjoni tiegħu titlob it-teknika u jogħtru.

Sfortunatament, il-kelma dilettantiżmu, li fid-dinja tal-lum m'għadiex teżisti ħlief fid-dizzjunarju, għadha tapplika għal-baned tagħna. Mill-banda l-oħra nħossuna fortunati li għandna għadd ta' bandisti li tista' tgħid ma jfallu qatt milli jattendu u jagħtu sehemhom mill-aħjar li jistgħu. Dawn skoprew li meta jieħdu sehem b'mod serju fi proċess krejattiv bħalma hi l-mużika, is-sodisfazzjon tagħhom ma jkunx żgħir. Lil dawn nirringrazzjhom tas-sagrifiċċju li jagħmlu u ninkoraġġihom itejbu l-livell tagħhom dejjem iżjed.

Issib nies li għalihom il-banda tfisser biss dawk il-marċi li magħhom jistgħu ikantaw salt kliem fieragħ. Lil xi wħud, il-biċċiet li ddoqq il-banda idejquhom jekk ma jgħidulekx ukoll li qishom tal-mejtin! Dan kollu juri li għalkemm is-Soċjetajiet jissejħu mużikali, pero' jonqos ħafna xi jsir biex tnissel fil-membri spirtu tassew kulturali.

## *Pariri tad-Deheb li Fuqhom Għandna Nibnu l-Futur tal-Baned Maltin*

Fid-dawl ta' uħud mill-ħsibijiet għaqlija miktuba matul dawn l-aħħar 17 il-sena mill-mibki iżda qatt minsi s-Surmast Francis Falzon, li mexxa lill-Banda Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq għal 22 sena b'abbilta' u b'sinċerita' kbira, id-diriġenti tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.jagħrfu l-importanza li jridu jagħtu lill-Banda u lit-tagħlim tal-mużika. Il-Kumitat ħabrieki tas-Soċjetà jikkommetti ruħu li jkompli jaħdem u jimxi fuq il-pariri siewja li ħaddan is-Surmast Falzon.

B'dan il-għan il-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina dejjem iżżomm qrib il-ġenituri ta' l-alljievi sabiex jassigura l-progress fit-tagħlim. Minbarra l-opportunita' li l-ġenituri jistgħu jakkumpanjaw lill-uliedhom għall-lezzjonijiet fil-każin fejn ikunu jistgħu isegwu direttament il-progress ta' uliedhom, is-Soċjetà ta' kull sena torganizza serata fil-każin, fejn l-alljievi tal-Banda Santa Katarina, flimkien mal-ġenituri tagħhom jiltaqgħu ma' l-għalliema tal-mużika u jitkellmu magħhom fuq il-progress u d-diffikultajiet ta' wliedhom. F'din l-okkażjoni ta' kull sena, li daħlet fil-kalendarju tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. madwar għaxar snin ilu fuq insistenza tas-Surmast Francis Falzon innifsu, l-alljievi u l-bandisti ż-żgħar tal-Banda Santa Katarina V.M. jingħataw l-ewwel opportunita' li jesebixxu l-kapaċitajiet tagħhom fil-pubbliku. Dan iservihom ukoll ta' inkoraġġiment fil-ħidma tagħhom.

Is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M., li mit-twaqqif tagħha fis-sena 1864



minn dejjem ħadmet bla waqfien favur it-tagħlim tal-mużika, hija kommessa li tkompli tagħti sehem sħiħ tagħha għall-avvanz tal-bandisti fl-edukazzjoni kulturali, bl-għan aħħari li tikkontribwixxi u tippromwovi l-qerda tad-dilettantiżmu mill-baned Maltin. Min barra l-isforzi kbar li jsiru mis-Soċjetà kull ma hemm bżonn huwa għarfien sħiħ ta' l-importanza tat-tagħlim kontinwu, ftit sforz u ħafna rieda tajba minn dawk li ġenwinament jersqu sabiex jirċievu t-tagħlim mużikali.

J'Alla kull min jaqra dan l-artiklu jżomm ħajjin f'moħħu d-doni sbieħ li dejjem ħaddan is-Surmast Francis Falzon sabiex l-imħabba vera lejn il-mużika tmexxina biex is-soċjetajiet mużikali Maltin jersqu dejjem iktar lejn il-professjonalita' li tagħti aktar sodisfazzjon lil min jippromovi u lil min jitgħallem u jipprattika, kif ukoll lil pubbliku nġenerali li jħobb u japprezza l-baned Maltin.

Is-suċċess tal-Banda Santa Katarina V.M. illum huwa dovut għad-dedikazzjoni kbira li wera s-Surmast Francis Falzon fit-tnejn u għoxrin sena li mexxa l-Banda. Dan is-suċċess ma ġiex b'kumbinazzjoni iżda b'xogħol kontinwu, b'rieda tajba, b'sagrifiċċju kbir u fuq kollox b'imħabba lejn il-mużika. Jidher ċar li l-pariri li s-Surmast Falzon kien jemmen fihom, mhux biss kitibhom iżda wettaqhom f'ħajtu. Aħna nittamaw li dan il-kliem tad-deheb, wirt kbir li ħallielna s-Surmast Francis Falzon, ikun it-teżor li minnu nibqgħu nibbenefikaw fil-futur u li jżomm lil maħbub Surmast tagħna dejjem ħaj fil-qalb ta' min verament iħobb il-mużika u jixtieq ġid ġenwin u dejjiemi lill-baned Maltin.

Is-Surmast Francis Falzon jien nafu sewwa, għax minbarra li attendenja l-iskola primarja taż-Żurrieq flimkien għal seba snin, huwa kien is-Surmast Direttur tal-Banda matul l-għaxar snin ta' Presidenza tiegħi. Għalhekk nista' ngħid kemm kien bniedem iddedikat, bravu u fuq kollox umli. Qiegħed nippublika ritratt li għandi għal qalbi ħafna fost kollezjoni kbira ta' ritratti, meta jien ippreżentajt tifkira lis-Surmast Francis Falzon fit-22 ta' Novembru 2006 fit-tmiem l-Oratorju 'Katarina ta' Lixandra'. Fuq lirika ta' Fr. John Curmi, dan ix-xogħol jibqa l-akbar kapulavur mużikali li writtna mingħand is-Surmast Francis Falzon. Fuq kollox kienet l-aħħar dehera uffiċjali tiegħu qabel ħakmitu l-marda li waslitu għand il-Mulej. Għalkemm mhux magħna fiżikament, aħna xorta waħda nfakkru l-25 sena mill-ħatra tiegħu bħala s-Surmast Direttur tal-Banda Santa Katarina V.M. Ix-xogħol kbir li għamel is-Surmast Falzon huwa wirt prezzjuż li permezz tiegħu huwa jibqa' għal dejjem fil-memorji tagħna lkoll bħala 'Surmast ta' Unur'.



*Is-Surmast Francis Falzon jirċievi tifkira tal-Oratorju 'Katarina ta' Lixandra' mingħand is-Sur Anthony Bonnici, President tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina*